MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 545/2007

**Geoffrey Pulis (I. D. 202467 M).**

**vs**

**Harold Buhagiar (I. D. 410376 M).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Geoffrey Pulis datat 18 ta' Mejju 2007 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-konvenut, Harold Buhagiar, huwa debitur tal-attur, Geoffrey Pulis, fl-ammont ta' hamest elef seba' mija u sbatax-il lira Maltin u sittin centezmu (Lm5,717.60) rapprezentanti valur ta' merkanzija fornita lill-konvenut mill-attur fuq talba tal-istess konvenut.

Illi l-attur interpella diversi drabi lill-konvenut sabiex ihallas l-ammont fuq imsemmi, izda dan baqa’ inadempjenti.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-attur qieghed jipprezenta ma’ dan ir-rikors affidavit guramentat skont l-**artikolu 167(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddeciedi l-kawza skont it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.

2. Tiddikjara lill-konvenut debitur tal-attur fl-ammont ta’ hamest elef seba’ mija u sbatax-il lira maltin u sittin centezmu (Lm5,717.60).

3. Tikkundanna u tordna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk dovut flimkien mal-imghax legali mid-data tal-hrug tal-fattura relattiva sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez, il-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 5 tal-process.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta’ Mejju 2007.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tas-27 ta’ Gunju 2007 il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli sabiex tisma’ l-provi hemm indikati.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Harold Buhagiar datata 13 ta’ Lulju 2007 a fol 21 tal-process fejn ecceppixxa:-

1. Illi preliminarjament jigi eccepit illi ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn l-eccipjenti u l-attur rikorrenti, *stante* illi l-eccipjenti qatt ma xtara merkanzija minghand l-attur rikorrenti, izda jixtri minghand terzi persuni. Illi

ghalhekk ebda ammont ma jista’ jkun dovut lill-attur rikorrenti, u ghalhekk l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-attur rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi l-attur rikorrenti qatt ma biegh merkanzija lill-esponenti, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk l-eccipjenti m’ghandux jigi kkundannat jhallas ebda ammont lill-attur rikorrenti.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimat Harold Buhagiar a fol 22. tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli bix-xhieda quddiemha prodotta u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti tat-8 ta’ Ottubru 2008, fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri sabiex b’ordni tal-Qorti jiffissa zewg seduti sal-ahhar ta’ Dicembru 2008 ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenuti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri, bix-xhieda kollha quddiemu prodotta u d-dokumenti esebiti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tat-18 ta’ Novembru 2009 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Anglu Farrugia ghall-konvenut li nforma l-Qorti li l-provi huma maghluqa. L-attur u d-difensur tieghu msejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr. Anglu Farrugia tratta l-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta’ Frar 2010.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob il-hlas tas-somma ta' Lm5,717.60 rapprezentanti valur ta' merkanzija fornita lill-konvenut mill-attur fuq talba tal-istess konvenut. Minn naha tieghu l-konvenut qed jghid li huwa ma ghandux relazzjoni mal-attur izda ma haddiehor, u wkoll li ma xtara xejn minghand l-attur u allura ma ghandu jaghtih xejn.

Illi f'din il-kawza huwa car li l-provi tal-partijiet huma pratikament dijametrikament opposti u f'xi aspetti kontradittorji ghal xulxin. Dan ifisser li din il-Qorti ser ikollha taghti affidament lill-verzjoni wahda jew l-ohra, b'dan li verzjoni ta' xi parti ser tigi skartata tenuta bhala mhux veritiera u lanqas kredibbli, u din ghandha konsgewenzi serji, tenut kont tal-fatt li l-istess tezijiet tal-partijiet gew moghtija wkoll bil-gurament.

Illi f'kazijiet bhal dawn il-Qorti ghall-fini ta' kredibilita' ghandha taghti piz determinanti lil dawk il-provi li huma oggettivament stabbiliti u tfittex imbaghad konferma taghhom f'dak li jirrizulta li xehdu l-partijiet jew il-persuni li ressqu bhala xhieda taghhom. F'dan is-sens huwa jew jista' jkun vitali li tali verzjoni jew ohra huma kkorroborati, u forma ta' korroborazzjoni hija wkoll il-verosimiljanza o meno tat-tezi prodotta.

Illi tenut kont ta' dan kollu u fl-optika tal-istess jinghad li l-attur Geoffrey Pulis ddikjara f'affidavit tieghu a fol 3 tal-process li huwa jimporta diversi tipi ta' likwidi tal-hasil. Fit-8 ta' April 2007, Harold Buhagiar kien mar bit-trakk tieghu sabiex jghabbi konsenja ta' dawn il-likwidi tal-hasil, liema konsenja kienet tiswa Lm5,717.60. L-attur sostna li l-konvenut kien xtara diversi drabi minghandu u dejjem

hallsu izda f'dan il-kaz mertu tal-kawza odjerna qatt ma rcieva hlas ghal din il-konsenja ghalkemm il-konvenut gie diversi drabi interpellat sabiex jaghmel dan. Konsistentement ma' dan jirrizulta li l-attur hareg *invoice* indirizzata lill-konvenut (a fol. 4) bil-lista tal-prodotti li xtara l-konvenut minghandu dik il-gurnata in partikolari u cioe' fit-8 ta' April 2007.

Illi l-attur xehed ukoll permezz ta' affidavit (a fol. 25) fejn huwa spjega li fis-sena 2007 beda jimporta *detergents* minn Sqallija; parti kienet tigi ordnata minn qabel mill-klijenti u parti ohra huwa kien ibieghha permezz ta' *sales girl* tieghu, Joanne Sciberras. Il-konvenut, skont l-attur, kien ghamel diversi ordnijiet kemm mieghu direttament kif ukoll permezz ta' l-imsemmija *salesgirl*.

Illi jghid li l-konvenut kien ghamel hames ordnijiet mal-attur; darba fi Frar tat-2007, darbtejn f'Marzu tat-2007 u darbtejn f'April 2007. Din il-kawza hija appuntu fuq l-konsenji ta' April. L-attur jghid li f'April, il-konvenut kien mar jigbor il-merkanzija mit-trakk tieghu li kien ghadu kif wasal minn Sqallija. L-attur jghid li l-konvenut kemm-il darba ghamel ordni ghad-*detergents* direttament mieghu u li l-konvenut kien jaf li d-*detergents* kienu tieghu u mhux ta' Joanne Sciberras.

Illi f'dan il-kuntest l-attur jghid li *"s-salesgirl tieghi, Joanne Sciberras, qatt ma nfurmatni li hija kienet qed tissellef xi flus minghand Harold Buhagiar…Is-self ta' flus bejn Buhagiar u Sciberras ma kellu xejn x'jaqsam mal-bejgh tad-detergents lil Buhagiar".* Skont l-attur, meta l-konvenut gie rinfaccjat bl-ammont dovut minnu insista li l-ewwel irid jigbor il-flus dovuti lilu minghand Joanne Sciberras u dan minkejja li missier l-imsemmija Sciberras, kien qal lill-konvenut li hija ma kienetx il-proprjetarja tal-prodotti.

Illi l-attur jkompli jispjega li *"wara li Buhagiar ha l-merkanzija f'April li ghadda, minn fuq it-trakk tieghi, huwa kien ta' cekk lil Joanne Sciberras, jumejn wara li kien ghandi c-cekk, Buhagiar kien cempilli u qalli sabiex ma insarrafx ic-cekk. Ic-cekk originali ghadu fil-pussess tieghi".* L-attur ppresenta kopja tal-licenzja ta'

importazzjoni u dokumenti ta' socjeta' Taljana li minghandha huwa xtara il-prodotti (a fol. 34 *et seq*).

Illi Joanne Sciberras xehdet fid-29 ta' Ottubru 2007 fejn qalet li hija kienet tahdem bhala *salesgirl* mal-attur li kien igib prodotti minn barra u hija kienet tbieghhom ghan-nom tieghu. Hija sostniet li kienet tghid lill-klijenti li l-prodotti ma kienux taghha. L-istess xhud kompliet tghid li hija kienet isselfet xi flus minghand il-konvenut qabel ma bdiet tahdem ma' l-attur u kienet hallsitu lura billi hija kienet tahdem ghal rasha dak iz-zmien u *in parte* bil-merkanzija taghha stess. Izda meta bdiet tahdem ma' l-attur hija kienet qalet lill-konvenut li hija ma kienetx ghal rasha. Wara li hija bdiet tahdem ma' l-attur kien ghad fadal bilanc ta' Lm6,000 xi thallas lura. Hija tghid li qatt ma weghdet lill-konvenut li hija kienet se thallsu bil-merkanzija tal-attur. Ix-xhud tghid li kien hemm ordnijiet precedenti ghal dik ta' April, li thallsu minghand il-konvenut minkejja li kien hemm dak il-bilanc pendenti.

Illi l-istess tghid li l-konvenut kien ihallas permezz ta' cekkijiet u kien jimla l-ammont biss u qatt ma hareg cekkijiet f'isimha. Hija tikkonferma dak li qal l-attur li ghal kwantu jirrigwarda l-konsenja ta' April, il-konvenut kien ha l-merkanzija direttament mit-trakk tieghu.

Illi x-xhud tghid li l-ammont dovut ghall-konsenja ta' April kien ta' Lm4,532 u li meta marret sabiex tithallas ta' dan l-ammont, dejjem ghan-nom tal-attur, il-konvenut kien qalilha li kien se jzomm Lm4,000 ghalih. Huwa kien taha cekk bl-ammont ta' Lm532.40 u hawn hija xehdet li:- *"jiena bqajt ninsisti li kellu jhallasni, u in fatti il-four (4) ta' quddiem il-532.40 hija kitba tieghi u fl-originali jidher li jien kont uzajt l-istess biro u nghid li imbaghad il-kitba hija tieghi".*

Illi l-istess xhud qalet li ghall-ewwel ma kienetx qalet lill-attur b'dak li kien gara izda *"mbaghad kelli bilfors nghidlu li jiena kelli naghti l-flus lil Harold Buhagiar u huwa ried jithallas b'dawn il-prodotti…l-ghada kont tajt in-numru tal-mobile ta' Geoffrey Pulis lil Harold Buhagiar u dan kien cempillu".* Jinghad ukoll li dwar dan ic-cekk il-konvenut

kien mar id-Depot u hija kienet ghamlet skrittura privata ma' Harold Buhagiar u li din l-iskrittura saret wara li nfethet il-kawza odjerna.

Illi Luciano Sciberras, missier Joanne Sciberras fid-29 ta' Ottubru 2007 xehed li huwa ma kienx involut fin-negozju tal-attur izda darba kien mar mieghu Sqallija biex igib il-mekanzija. Meta gew lura huwa zamm it-trakk bil-merkanzija fil-bitha tieghu u kien dakinhar li gie l-konvenut jixtri l-prodotti. Il-konvenut kien jafu ghaliex kien hadem mieghu ghal diversi snin.

Illi huwa kkonferma li mar ikellem lill-konvenut flimkien ma' l-attur fuq il-hlas ta' kont izda jghid li l-uniku diskors li jiftakar kien dwar xi zbalji li kien hemm fl-istess kont u l-konvenut ma semmiex il-fatt li ma kienx ser ihallas lill-attur ghaliex il-prodotti m'humiex tieghu. Huwa xehed ukoll li huwa ma kienx jaf li t-tifla tieghu kienet isselfet xi flus minghand il-konvenut izda sar jaf b'dan ghaliex waqt l-imsemmija laqgha, kien il-konvenut stess li qal lill-attur li bintu kellha ttih xi flus. Huwa jghid li wara din l-okkazjoni, l-mara tal-konvenut kienet cemplitlu diversi drabi biex titolbu l-flus li t-tifla tieghu kellha taghti lill-konvenut u anki kien hemm okkazzjoni fejn l-konvenut stess kien mar il-*garage* tieghu.

Illi l-konvenut xehed fis-27 ta' Gunju 2007 u sostna li huwa kien jixtri l-likwidu ta' hasil minghand certa Joanne Sciberras u mhux minghand l-attur. Huwa mar jixtri l-merkanzija mill-proprjeta' ta' missierha. Huwa jtenni li qatt ma ghamel negozju ma' l-attur Pulis tant li jghid li *"lanqas qatt kelli x'naqsam mieghu"* ghalkemm huwa ammetta li rcieva *invoice* mill-attur izda hasbu zball, u ma jidher li ghamel xejn ghaliex jghid li jinjora *invoices* li ma jkunux iffirmati minnu jew mill-mara tieghu. Sostna li effettivament kien ircieva l-oggetti ndikati fuq l-*invoice* mertu tal-kawza odjerna izda jghid li huwa kien gja hallas parti kbira minn qabel lil Joanne Sciberras.

Illi *viva voce* l-istess konvenut qal fl-20 ta' Novembru 2007 li huwa kien jiddilja ma' Joanne Sciberras. Huwa jghid li din Sciberras kienet talbitu Lm3,000 biex inizzel xi xoghol

minn barra. Meta wasal ix-xoghol huwa kien ta Lm532 li kienet id-differenza. Huwa kien cempel lill-attur sabiex jghidlu biex ma jsarrafx ic-cekk mill-ewwel. Ix-xhud jkompli, *"dak ix-xoghol jiena kont hadtu minn Haz Zebbug minghand l-istess Joanne Sciberras u kien jiswa…Lm1,732 u jiena dan l-ammont…lil Joanne tajtha differenza ta' Lm532 u l-ammont thallas kollu".*

Illi l-istess konvenut jghid li wara l-konsenja ta' dan ix-xoghol, Joanne Sciberras kienet talbitu is-somma ta' Lm3,200 sabiex igib xoghol iehor izda dan ix-xoghol qatt ma wasal u ghalhekk ghamlu skrittura quddiem Nutar f'dan is-sens. Huwa ikompli, *"nikkonferma illi din l-iskrittura privata saret wara illi kont irrappurtajtha lill-Pulizija rigward ic-cekk".*

Illi huwa jghid li Sciberras kienet ghamlet in-numru 4 qabel in-numru 532 fuq ic-cekk u *"kien ghalhekk illi qaltli biex incempel lil Geoffrey Pulis minhabba li kienet taf li dan ic-cekk ma kienx tajjeb".* Huwa ma kienx jimla c-cekkijiet li kien jaghti lil Sciberras hlief ghall-flus ghaliex Sciberras kienet tghidlu hekk.

Illi l-konvenut fil-15 ta' April 2009 esibixxa zewg stqarrijiet li huwa ghamel fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija (Dok. "GP1"; Dok. "GP2"), u zied jghid li huwa ma jafx jitkeb u ghalhekk ic-cekk li dwaru huwa kien ghamel rapport kienet kitbitu Joanne Sciberras izda dan mhux fil-presenza tieghu. Huwa zied jghid li ma jafx jekk inhadux proceduri kriminali kontra Joanne Sciberras.

Illi dwar il-konsenja mertu ta' din il-kawza jghid illi huwa kien ghamel l-ordni relattiva ma' Joanne Sciberras u mhux mal-attur. Qal li kien mar jigbor il-konsenja in kwistjoni minn proprjeta' ta' Joanne Sciberras u ta' missierha. Meta mar hemmhekk huwa jghid li kellem lill-attur tant li stqasih dwar xi prezzijiet u l-attur kien qallu li *"la qieghed tiddilja ma Joanne Sciberras ibqa' ddilja maghha".*

Illi huwa jghid li meta mar fil-proprjeta' ta' Joanne Sciberras isostni li x-xoghol kien gja' imhallas kwazi kollu minnu u kien fadallu jaghti biss l-ammont ta' Lm532.40, u allura l-istess somma mnizzla fuq ic-cekk qabel ma l-imsemmija giet mibdula. Wara xi zmien kienu marru l-attur u missier Joanna fil-*garage* tieghu u kellmuh dwar x'kienet ghamlet Joanne Sciberras. F'dan il-kuntest huwa jghid li *"jiena stess kont cempilt lil Joanne Sciberras quddiem l-attur u missierha u l-mobile ghamiltu hands free biex kulhadd jisma dak li kienet qeghda tghid. Hi qatli biex ma naghtix kaz tal-attur ghaliex kien gja' imhallas u ha tirranga hi ma l-attur".* Jghid li l-attur urih c-cekk numru 1997 li kien ta lil Joanne u induna bin-numru '4' quddiem in-numru ic-cifra ta' Lm532.40 u ghalhekk kien qallu biex ma isarfux.

Illi l-konvenut kompla jghid li:-

*"Quddiem l-Ispettur, Sciberras kienet qalet illi l-ewwel somma ta' Lm1,200, li kont tajtha cash, ma kienx ghax-xoghol li kont xtrajt izda hija kienet selfithom minghandi. Izda jien nghid illi l-flus kienu ghax-xoghol. Nghid illi kull ma ordnajt min ghandha dejjem hallast min qabel".*

Illi dwar il-parti tal-affidavit tal-attur fejn jghid illi l-konvenut kien cempillu u qallu li kien sellef xi flus lil Joanne Sciberras jghid illi dan mhux minnu. Il-konvenut jinnega ukoll dak li qal l-attur fl-affidavit tieghu fejn inghad illi l-konvenut kien qallu li l-ewwel kien ser jigbor il-flus li kellu jigbor minghand Sciberras imbaghad ihallsu. Il-konvenut jghid li qatt ma ghamel ordnijiet diretti lill-attur.

Illi fil-fatt huwa jghid li huwa ghad ghandu jiehu minghand Joanne Sciberras is-somma ta' Lm3,200 rapprezentanti xoghol ta' *detergents* dan ghaliex isostni li kien jordna minghand Sciberras u kien itiha l-flus bil-quddiem. Huwa jghid ukoll li kien mar il-bank sabiex iwaqqaf ic-cekk ta' Lm3,200 peress li c-cekk kien *post dated* u x-xoghol ma kienx gie izda c-cekk kien gie imsarraf qabel, u cioe', issarraf qabel id-data li kien hemm fuq ic-cekk stess u dan issarraf minn Sergio Sciberras, iz-ziju ta' Joanne Sciberras.

Illi fis-seduta tat-30 ta' April 2009, kompla jixhed il-konvenut Buhagiar, fejn ipprezenta l-iskrittura li ghamel ma' Joanne Sciberras datata 4 ta' Mejju 2007 (Dok. "GP3"), kif ukoll dokument iehor li kitbet Joanne Sciberras meta hadet l-ordni bil-kitba taghha stess (Dok. "GP4"), u dokument iehor rapprezentanti prezzijiet f'Liri Maltin ta' kemm kienu qeghdin il-prodotti meta huwa qal li kien jixtri minn Joanne Sciberras (Dok. "GP5"). Esebixxa ukoll *statement* mibghut mill-attur biex jaghmel il-hlas pretiz minnu datat 9 ta' Mejju 2007 (Dok. "GP6"). Il-konvenut jghid li *"…jidher car li l-iskrittura (dik markata "GP3") saret qabel l-istatment (Dok GP6)".*

Illi f'din is-seduta xehdet ukoll Charmaine Buhagiar, mart il-konvenut u tghid li l-prodotti mertu ta' din il-kawza kienu ordnati mir-ragel taghha minghand Joanne Sciberras. Ix-xhud tghid, *"hija kienet tithallas minn qabel permezz ta' cheque jew cash biex tkun tista' tnizzel ix-xoghol bil-container. Ahna konna immorru ghax-xoghol fil-bitha ta' missierha. Hija kienet tkun trid illi l-ewwel linja ta' cheque u cioe' l-'pay' inhalluha vojta".*

Illi hija tikkonferma illi l-konvenut ma jafx jikteb izda jaf jaghmel numri. Tghid ukoll li hija ma tafx lill-attur. *"Nghid illi l-ewwel xoghol kien gie u t-tieni xoghol ma kienx gie u dan ghalkemm kien imhallas. Hija kienet iggib skuza tal-*

*maltemp u affarijiet ohra. Niccara illi din il-kawza hija dwar l-ewwel xoghol li kien gie"* Tikkonferma ukoll li wiehed mic-cekkijiet li kienu taw lil Sciberras, hija kienet babsitu. Skont l-attrici huma kienu ffirmaw l-imsemmija iskrittura ghaliex Sciberras kienet hadet il-flus (parti fi flus kontanti u parti b'cekk) izda l-ordni qatt ma waslet ghandhom.

Illi hija tikkonferma dak li qal ir-ragel taghha, u cioe', li Joanne Sciberras qatt ma qalet li l-merkanzija ma kinitx taghha. Dwar id-Dok. "GP 6", hija tikkonferma illi l-affarjiet li hemm miktuba gew konsenjati lilhom ghalkemm tghid li l-prezzijiet fuq dak id-dokument kienu gholjin hafna. Dwar id-dokument Dok. "GP 5" hija tghid li l-kitba mal-genb bil-linka blu hija tal-konvenut u l-bqija hija taghha. Ghalkemm ma jafx jikteb, hija tghid li r-ragel jikkopja u ghalhekk tghid li l-kliem miktuba mir-ragel taghha kienu kkopjati.

Illi jidher ghalhekk car li hemm verzjonijiet konfliggenti ghal xulxin u dan il-kaz qed jigi ezaminat kemm fid-dawl ta' evalwazzjoni ta' provi, nkluz dak ta' verosimiljanza ta' verzjoni jew ohra tal-partijiet skont id-dettami tal-evalwazzjoni ta' provi (**"Robert Cassar vs Joseph Galea"** (P.A. (RCP) – 27 ta' Gunju 2002) u anke fid-dawl tal-principju enuncjat fil-kawza fl-ismijiet **"Miller Distributors Limited vs Multi Toys Limited"** deciza fil-16 ta' Dicembru, 2002 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fejn meta giet rinfaccjata minn sitwazzjoni simili ghal din, fejn kien hemm konflitt ta' provi u verzjonijiet differenti tal-kontendenti, inghad li apparti l-apprezzament ta' l-istess provi u l-ezami tal-attendibilita' taghhom, hemm ukoll l-aspett ta' dritt li jrid jigi puntwalizzat.

Illi fil-fatt saret referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri"**, (P.A. (MCC) -27 ta' Mejju 1970) fejn intqal illi "*bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni li,*

*ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioe' l-attur l-esigibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju "actore non probante reus absolvitur". L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor "reus in excipiendo fit actor", ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali tal-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu*."

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell kompliet billi tghid li t-taghlim f'din is-sentenza juri li l-oneru tal-prova hu mixhut fuq il-kreditur f'dawk il-kazijiet biss fejn jigi muri li l-prova tal-pagament tkun sodisfatta lil hinn mid-dubju ragjonevoli. Tali prova mhux necessarjament tirrikjedi dejjem u bilfors il-prova tar-ricevuta. Dan ghaliex mhux eskluz li l-prova ta' hlas isir mod iehor (**"Joe Chetcuti et vs Joseph Pearson et noe"** – A.C. 5 ta' Ottubru 1998). Dan dejjem jinghad fl-isfond tal-fatt li jinkombi fuq min jallega l-ezistenza tal-kreditu illi dan ikun fl-ewwel lok ipprovat a pjena sodisfazzjoni u b'mod univoku u konvincenti.

Illi f'dan il-kaz din il-Qorti thoss li gie ppruvat b'mod konvincenti li r-relazzjoni li l-konvenut kellu dwar din il-merkanzija kienet mal-attur, u din huwa ppruvat mhux biss mix-xhieda ta' l-attur, u ta' Joanne Sciberras, u ta' missierha Luciano Sciberras, izda fuq kollox mill-fatt li l-*invoice* ghall-istess oggetti inharget mill-attur fuq il-konvenut, u minkejja dak kollu li qal il-konvenut, din qatt ma giet kontestata minnu, tant li jghid addirittura li huwa injora, ghaliex hekk kien jaghmel meta ma jkunx iffirma huwa jew martu. Dan huwa verament sinifikanti, anke fil-kuntest tal-mod kif il-konvenut ipprova jikkontradixxi l-

verzjoni attrici, minkejja l-ezistenza lampanti ta’ dan id-dokument, in-nuqqas ta’ kontestazzjoni tieghu, u wkoll il-fatt li attwalment il-merkanzija li fuqha qed jintalab il-hlas attwalment kienet giet ikkonsenjata lill-konvenut.

Illi barra minn dan hemm diversi nkonsistenzi fil-verzjonijiet tal-konvenut mhux lanqas, kif la darba huwa dejjem insista li l-unika relazzjoni li kellu kienet biss ma’ Joanne Sciberras, huwa ma ghamel xejn meta rcieva l-*invoice* minghand l-attur ghall-pagament ta’ konsenja ta’ merkanzija, li allura huwa jghid li kien ordna minghand l-imsemmija persuna. Ix-xhieda tal-konvenut bl-ebda mod ma jista’ jinghad li b’xi mod tista’ twaqqa’ dan id-dokument u iktar u iktar in-nuqqas tieghu li jikkontrasta u jikkontesta l-istess fiz-zmien meta dan inhareg u allura tempestivament, u dan iktar u iktar meta t-tezi tal-konvenut vantata f’din il-kawza (izda mhux mal-attur) kienet dejjem li skont huwa ma’ kellu l-ebda relazzjoni kwalunkwe mieghu, izda biss relazzjoni ma’ din Joanne Sciberras.

Illi f’dan il-kuntest, u minkejja kollox ix-xhieda ta’ Joanne Sciberras hija skjetta fis-sens li hija kienet isselfet flus minghand il-konvenut, u kien ghad baqghala taghti xi ammonti lill-istess konvenut, izda meta hija bdiet tahdem mal-attur, hija mill-ewwel qalet lill-konvenut, hija kienet qed tagixxi bhala *salesgirl* u ghan-nom tal-istess attur. Jidher fil-fatt li kull pagament li sar b’cekk mill-konvenut sar favur l-attur, anke jekk dan inkiteb mill-imsemija Sciberras, izda fl-ahhar mill-ahhar il-konvenut, wara li ssarrfu l-istess cekkijiet kien jaf id-destinatarji tal-istess.

Illi anke jekk wiehed ihares lejn il-kalkoli li l-istess konvenut ippropona lil din il-Qorti jirrizulta li f’mument minnhom huwa jghid li Joanna Sciberras kienet talbitu is-somma ta’ Lm3,000 biex tnizzel xi xoghol minn barra, izda meta wasal ix-xoghol huwa kien ta biss is-somma ta’ Lm532 li skond huwa kienet id-differenza. Izda imbaghad jghid li x-xoghol li huwa ha mill-konsenja dan kien jiswa Lm1,732 u lil Joanne Sciberras taha d-differenza ta’ Lm532 u l-ammont thallas kollu. Din id-‘differenza’ qatt ma giet spjegata sew. Dan apparti li l-ammont imsemmija fl-

istqarrija li huwa stess ghamel quddiem il-pulizija jindikaw ukoll ammonti differenti minn dak li huwa stess semma fil-parti tax-xhieda.

Illi f'dan il-kuntest jinghad ukoll li l-konvenut ikkontesta li kien dovut l-ammont ta' Lm4,532 (ezkluz VAT), izda dan billi sostna li l-ammont li kellu jaghti kien hafna anqas anke minhabba l-ammont ta' Lm1,700 li huwa kien gja hallas, izda prova ta' dan ma ngabitx minnu, u la darba huwa kien qed jallega kien obbligu tieghu li jipprova tali pagamenti, haga li huwa ma ghamilx.

Illi f'dan il-kuntest il-verzjoni tal-konvenut hija wkoll inverosimili, mhux biss ghal dak kollu li jinghad iktar il-fuq f'din is-sentenza, izda wkoll li la darba huwa qed isostni li kellu jiehu (u ghad ghandu jiehu s-somma ta' Lm3,200) kif jista' jigi spjegat li huwa hallas lill-istess persuna s-somma ta' Lm532 permezz ta' cekk, (li wara jidher li ntmiss biz-zieda tan-numru 4 fuq quddiem), u dan ghaliex jidher li l-konvenut ipprova, minhabba l-flus li kellu jiehu minghand Joanne Sciberras, jiehu l-istess mill-ammont ta' merkanzija li kienet giet ikkonsenjata lilu mill-attur, u kien ghalhekk li hawn Joanne Sciberras, ipprovat taghmel dak li ghamlet (li certament din il-Qorti bl-ebda mod ma tapprova) u wara dan qalet kollox lill-attur, dwar il-flus li hija kienet hadet minghand il-konvenut.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li allura hija inverosimili l-verzjoni tal-konvenut li huwa kien jaf li kellu jiehu tali ammont ta' flus minghand l-imsemija Joanne Sciberras izda xorta wahda taha ammont iehor ta' flus. Fil-fatt wara dak li gara, u wara li l-konvenut ipprova jiehu vantagg mis-sitwazzjoni ghad-dannu tal-attur, u wara li Joanne Sciberras, fuq dak li ghamlet kienet kostretta tammetti l-eghmil taghha, xejn edifikanti, hija ffirmat skrittura privata mal-konvenut wara li kien irrapportaha lil Pulizja u dan biex jikkawtela d-drittijiet tieghu specjalment wara li Sciberras kienet kitbet fuq dak ic-cekk.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti thoss li gie ppruvat fil-grad rikjest mill-ligi, li l-attur ikkonsenja lill-

konvenut il-merkanzija mertu tal-kawza odjerna, u jirrizulta li l-konvenut effettivament ircieva l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna, u r-relazzjoni dwar l-istess merkanzija kienet dik bejn l-istess attur u l-konvenut, u li l-attur ipprova li l-merkanzija qatt ma giet imhallsa mill-konvenut, li fil-verita' qatt ma' ghamel l-ebda prova ta' pagament tal-istess merkanzija, merkanzija li giet indikata li giet ikkonsenjata lilu mill-attur skont *invoice* a fol. 4 tal-process bil-lista tal-prodotti li xtara l-konvenut minghandu dik il-gurnata in partikolari u cioe' fit-8 ta' April 2007.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-attur ipprova l-allegazzjonijiet tieghu, u l-verzjoni tieghu hija kkorroborata mid-dokumenti esebiti, u wkoll mix-xhieda minnu prodotti u dan kollu jrendi l-verzjoni tieghu versomili, fil-waqt li l-verzjoni tal-konvenut ma hijiex konsistenti, hija konfliggenti, u kontradetta mid-dokumenti esebiti u mix-xhieda prodotta minnu stess, b'dan li tali verzjoni tieghu hija inverosimili, u b'hekk tirrendi l-istess mhux kredibbli, ghaliex fuq kollox mhux ippruvata.

Illi ghalhekk it-talba attrici qed tigi milqugha.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

2. Tiddikjara lill-konvenut debitur tal-attur fl-ammont ta' tlettax-il elf, tliet mija u tmintax-il ewro u tlieta u erbghin centezmu (€13,318.43) ekwivalenti ghall-hamest elef seba' mija u sbatax-il lira maltin u sittin centezmu (Lm5,717.60).

3. Tikkundanna u tordna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk dovut fl-ammont ta' tlettax-il elf, tliet mija u tmintax-il ewro u tlieta u erbghin centezmu (€13,318.43) ekwivalenti ghall-hamest elef seba' mija u sbatax-il lira maltin u sittin centezmu (Lm5,717.60) flimkien mal-imghax

legali mid-data tal-hrug tal-fattura relattiva datata 8 ta' April 2007 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------